MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tad-29 ta' April, 2008

Talba Numru. 923/2005

**Gasan Mamo Insurance Limited (C 3143), kif surrogata fid-drittijiet ta` l-assikurata taghha Supertronic Systems Limited skond il-ligi u l-polza (Claim C 045624) u b'digriet ta` l-25 ta' Ottubru, 2005 giet ordnata korrezzjoni li minflok il-kliem 'ta` l-assikurat taghha Supertronic Systems Limited jidhlu l-kliem 'ta` l-asikurat taghha George Camilleri ezercenti l-kummerc taht l-isem Supertronics Systems**

**vs**

**GMC Transport Compnay Limited u b' digriet tal-15 ta' Gunju, 2005 giet kjamata in kawza s-socjeta' Advanced Shipping Limited**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' tlett elef, erba' mija, erbgha u disghin Ewro u sitt

centezmi (€3494.06) ekwivalenti ghal Lm1500 rapprezentanti bilanc ta’ somma ikbar ta’ danni sofferti mill-assikurat tas-socjeta’ attrici meta l-konsenja tas-socjeta’ assikurata waslet Malta fit-28 ta’ Lulju, 2004 b’diversi nuqqasijiet u ghal liema nuqqasijiet l-assikurata giet debitament kumpensata mis-socjeta’ attrici.

Bl-ispejjez u bl-interessi mid-data tal-prezentata ta` l-avviz kontra l-konvenuta li minn issa hi ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta ssollevata mis-socjeta’ GMC Transport Company Limited fejn intqal illi l-pretensjonijiet ta` l-attrici kkommunikata lill-eccipjenti qabel din il-kawza teccedi l-kompetenza ta’ dan it-Tribunal, l-istess attrici ghandha tiddikjara li qed tillimita definittivament it-talba taghha ghal ammont li ma jeccedix €3494.06 (tlett elef erba’ mija u erba’ u disghin Euro u sitt eorocentezmi) ekwivalenti ghal LM1,500 (elf u hames mitt lira) ta’ dak iz-zmien.

L-attrici ghandha tipprova s-surroga skond il-ligi.

It-talba attrici ghandha tigi michuda billi l-eccipjenti mhix responsabbli ghad-danni allegatament sofferti mis-socjeta’ assikurata.

Bla pregudizzju, kwalunkwe responsabbilita’ ta` l-eccipjenti hija limitata skond il-polza ta’ karigu.

Bla pregudizzju wkoll, l-eccipjenti titlob il-kjamata fil-kawza tas-socjeta’ ‘*Advanced Shipping Limited’*.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta’ attrici. Ra r-risposta tas-socjeta’ konvenuta kjamata fil-kawza *‘Advanced Shipping Limited’* fejn issollevat illi t-talba attrici m’ghandiex tintlaqa’ minn dan it-Tribunal bl-ispejjez kontra l-istess socjeta’ attrici peress illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u dan ghar-ragunijiet segwenti:

Illi mhuwiex minnu li kien hemm xi nuqqas (shortage) fil-merkanzija kif inhu allegat fit-talba attrici.

Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepiet u subordinarjament in-nuqqasijiet attrici *in ogni caso* jridu jigu pruvati.

Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepiet is-socjeta` attrici ikkuntrattat ma` l-konvenut '*GMC Transport Company Limited'* li hija din il-kumpannija li allura ghandha tirrispondi versu s-socjeta' attrici ghat-talbiet taghha u mhux is-socjeta' eccipjenti.

Illi *inoltre* minghajr pregudizzju ghas-sueccepiet ma jistax jigi attribwiet xi htija fil-konfront tas-socjeta' kjamata in kawza u allura l-istess socjeta' eccipjenti m'hijiex responsabbli fil-konfront tas-socjeta' attrici u kwindi s-socjeta' kjamata in kawza ma tirrispondi xejn versu s-socjeta' attrici.

Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepiet, is-socjeta' kjamata in kawza aggixxiet biss bhala *'freight forwarder'* ossija agent ta' l-attrici u/jew is-socjeta' konvenuta '*GMC Transport Company'* Limited u fil-kwalita' taghha ta' agent is-socjeta' eccipjenti mhijiex responsabbli ghan-nuqqasijiet ilmentati fl-avviz odjern – *semmai* huma l-'carriers' (inkarigati mis-socjeta' ecceipjenti ghan-nom ta' l-attrici u/jew ghan-nom tas-socjeta' konvenuta GMC Trasnport Company Limited) li jridu jirrispondu ghall-allegati nuqqasijiet u cioe' il-'*contracted carrier'*, is-socjeta' estera *Cardinal Maritime Limited* li hargu l-polza ta' kariku u /jew l-*actual carrier,* is-socjeta' estera CMA-CGM li effettivament garret il-merkanzija.

Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepiet bejn is-socjeta' konvenuta u l-kjamata in kawza hemm ftehim konsistenti minn *Standard terms and conditions* li huma applikabbli ghal kaz odjern u li jirrigwardaw *inter alia package limitation* u terminu ossia *time limitation.*

Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepiet, l-polza ta' kariku mahrug minn *Cardinal Maritime Limited* tinkorpora kuntratt

ta’ garr li jirregola l-kwistjoni odjerna. L-istess polza ta` karigu tipprovdi *inter alia ghall-package and liability limitation u anke time limitation* kif sejjer jigi trattat aktar fil-fond fil-mori tal-kawza.

Ra d-dokumenti ezebiti fl-atti tal-kawza.

Sema` x-xhieda ta’ Gordon Axiaq, Alfred Dimech, Tarcisio Attard, Noel Ellul, Christian Camilleri, George Camilleri, Paul Ellul, kif ukoll l-affidavits ta’ Christian Camilleri u George Camilleri.

Sema` t-trattazzjoni ta` l-abbli difensuri tas-socjeta’ attrici u tas-socjeta’ konvenuta GMC Transport Limited. L-abbli avukat difensur tas-socjeta’ konvenuta kjamata in kawza aghzel li jistrieh fuq il-provi li hemm fil-process.

IKKUNSIDRA

Mill-provi prodotti din il-kawza titratta dwar rizarciment ta’ danni sofferti mill-assikurat tas-socjeta’ attrici meta konsenja ta` l-assikurat taghha waslet Malta allegatament b’diversi nuqqasijiet u ghal liema nuqqasijiet l-assikurata tas-socjeta’ attrici giet kumpensata. Is-socjeta’ konvenuta qalet illi hija m’hijiex responsabblli ghad-danni allegatament sofferti mis-socjeta’ attrici u talbet il-kjamat in kawza tas-socjeta’ ‘*Advance Shipping Limited’*, li b’digriet tal-15 ta’ Gunju, 2005 giet kjamata in kawza l-istess socjeta’. Is-socjeta’ konvenuta kjamata in kawza cahdet it-talbiet fil-konfront taghha.

Illi giet ippruvata is-surroga tas-socjeta’ attrici permezz ta’ formola iffirmata mill-assigurat George Camilleri.

Mill-provi migbura jidher illi l-asikurat tas-socjeta’ attrici, George Camilleri ezercenti l-kummerc taht l-isem ‘*Supertronics Systems’* kien ghamel ‘*claim’* mas-socjeta’ attrici wara li kien sab nuqqasijiet f’konsenja li kienet wasslet Malta fuq ordni tieghu. Illi skond ix-xhieda tas-socjeta’ attrici wara li sar rapport tan-nuqqasijiet fil-merkanzija is-socjeta’ attrici qabdet lis-‘*surveyor*’ taghha u

fuq ir-rapport tieghu hallsu lill-assikurat taghhom is-somma ta' Lm1890.80 (elf tmin mija u dighin lira Maltija) ta' dak iz-zmien.

Il-Bond Operator tas-socjeta' kjamata in kawza fil-bidu ta' Gunju, 2005 xehed illi l-'*pallet'* li kien garr kellu xi daqqiet fil-parti t' isfel u fejn l-injam u kien nizzel notament fuq id-'*delivery note'* fejn qal illi l-pallet kienet garbet hsara kif ukoll zewg kartuni fuqha. Dan il-pallet kellu x-'*shrink wrap'* intatt. Sussegwentement gie ghalih il-bond operator tas-socjeta' konvenuta GMC Transport Company Limited. Il-'*container'* kien jappartjeni lil '*Advance Shipping Limited'*. Dan il-bond operator ikkonferma illi l-pallet kellu xi daqqiet isfel u ma` l-injam u li x-*'shrink wrap'* kien intatt. Mid-daqqiet huwa ma setax jara l-merkanzija. Jirrizulta illi kien gie ghax-xoghol it-tifel ta' George Camilleri. Qal illi iben George Camilleri kien gie ghal merkanzija b'vann zghir u kellu bil-fors jhodd il-*pallet*. Irrizulta illi l-ewwel kaxxa ta' fuq kienet vojta u waqt li kompla jiftah Camilleri sab kaxxi ohra vojta.

Illi z-zewg '*bond operators'* tas-socjetajiet konvenuti qalu illi x-*shrink wrap* kien baqa' ntatt izda li kien hemm biss daqqiet fuq in-naha ta' taht il-'*pallet'*. Illi t-tifel ta' l-assigurat kien ra lli x-*'shrink wrap'* kienet maqtugha, izda l-hsara fin-notamenti tas-socjeta' GMC Transport Ltd giet imnizzla bhala hsara fil-'*pallet*'.

Skond is-surveyor ta' '*Advanced Shipping Limited'*, li kien bniedem li kellu hafna snin esperjenza f'dan il-kamp, ikkonkluda li kien kaz ta' '*short shipment'* u dan kien ibbaza l-konkluzjoni tieghu fuq il-fatt illi z-zewg '*bond operators'* kienu stqarru illi x-'*shrink wrapping*kien baqa' ntatt. Illi ghalhekk huwa kkonkluda illi n-nuqqas irrizulta mill-fabbrika.

Illi skond dokument ezebit mis-socjeta' attrici a fol. 128 l-assikurat George Camilleri kien nizzel fir-rapport tal-Marine Cargo Loss mahruga mis-socjeta' attrici illi '*all items marked with an 'x' were all stolen from boxes. Security tape was cut and goods were taken out of the boxes, put back on pallet & reshrinked the pallet. All*

*invoices were given to surveyor.'* *'A tempo vergine'* l-assikurat kien stqarr illi l-oggetti li kienu nsterqu mill-kaxxi kellhom is-'*security tape'* mqatta', il-kaxxi regghu tqieghdu fuq il-pallet u din il-pallet regghet giet '*shrink wrapped'*. Din kienet l-ewwel verzjoni li ta` l-assikurat lis-socjeta' assikuratrici tieghu.

Mill-provi migbura jidher illi x-xhieda tal-assikurat George Camilleri u tat-tifel tieghu ma kienux daqstant konsistenti. Sabiex jasal ghal konkluzzjoni gusta u ekwa tal-vertenza ta' din il-kawza, it-Tribunal ha jistrieh fuq il-provi migjuba quddiemu.

Illi l-kaz jirrigwarda allegata serqa ta' merkanzija minn gewwa kaxxi li kienu maghluqa '*b'security tape'* u li liema '*pallet'* kienet '*shrink wrapped'.* Illi mix-xhieda tal-'*bond operators'* t-tnejn jirrizulta li kien hemm xi hsara man-naha ta' taht il-*pallet* fejn kien hemm xi daqqiet aktarx tal-'*fork lifter'*. Din kienet l-unika hsara li ntebbhu biha z-zewg *operators* taz-zewg socjetajiet konvenuti. Illi flimkien huma qablu li kienet il-pallet li kellha l-hsara fil-waqt illi *s-'shrink wrapping'* baqa' ntatt. L-assikurat George Camilleri, kien ta l-verzjoni tal-fatti permezz ta' rapport maghmul lis-socjeta' attrici fit-2 ta' Awissu, 2004 u f'ittra mibghuta lis-socjeta' konvenuta GMC Freight Services datata 2 ta' Awissu, 2004, spjega lis-socjeta' kif sab in-nieqes fix-xoghol tieghu. Huwa jghid '*while opening the shrink wrapped pallet, all boxes were opened with the security tape cut off, and most goods were missing*.' F'din l-ittra ta` '*d'intendere'* illi l-*pallet* kien ghad kellha s-'*shrink wrap'* maghha izda l-kontenut tal-kaxxi ma kienx f'postu. L-assigurat insista '*a tempo vergine'* illi s-socjeta' konvenuta GMC Freight Srvices Limited kellha tinforma lis-shippers fir-Renju Unit u jzommuhom responsabbli ghax-xoghol nieqes. Jidher mix-xhieda illi '*a tempo vergine'* s-suspett kien li s-serq tal-merkanzija kien sar qabel ma wasal Malta.

Illi huwa minnu illi l-'*pallet'* gie kkonsenjat lill-assigurati, b'ghafsa fin-naha ta' taht *il-'pallet'* izda t-ticrita u daqqiet li kien hemm fuq il-kartuni ma jiggustifikax il-vojt li nstab fil-kaxxi maghluqa bix-'*shrink wrapping'*. Huwa car u

manifest illi min seraq l-merkanzija, nehha l-'*ishrink wrap'* originali, nehha t-'*tape'*, ha l-oggetti, rega` ghalaq il-kaxxi *b'"tape'* iswed u l-'*pallet'* rega' gie '*shrink wrapped'*.

Evalwati l-provi fil-kaz in ezami dan it-Tribunal ihoss illi s-socjeta' attrici ma gabitx provi sodisfacenti li n-nuqqasijiet saru waqt illi l-pallet kien fil-kustodja taz-zewg konvenuti. Ma ngabet ebda prova li l-'*pallet'* seta' jinhatt f'Malta u jerga' jigi '*shrink wrapped'* '*in situ'* fil-'*bonded stores' .*

Wara li sema` l-provi u investiga d-dokumenti pprezentati fl-atti tal-kawza it-Tribunal huwa moralment konvint illi n-nuqqasijiet fil-merkanzija ta` l-assigurat tas-socjeta' attrici ma sehhewx fil-'*bonded stores'* ta' Malta.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talba attrici.

Spejjez a karigu tas-socjeta' attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------